MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 232/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Philip Camilleri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Philip Camilleri, karta ta' l-identita` numru 701860(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk if żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn ix-xhur ta' Mejju 2013 sa Dicembru 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil martu Maria Rosaria Camilleri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-28 ta' Mejju 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess Philip Camilleri ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' tliet xhur (3) priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Philip Camilleri ppreżentat fit-3 ta' Ġunju 2014 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u minflok tapplika piena ta' multa minima possibbli fil-konfront tiegħu;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda ta' Maria Rosaria Camilleri; rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili Superjuri fil-5 ta' Diċembru 2014 fl-ismijiet **Philip Camilleri vs Rose Camilleri**; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "Illi l-aggravju tal-esponenti huwa ċar u manifest, jirrigwarda l-piena lilu moghtija billi fil-fehma umli tiegħu, l-Ewwel Qorti ma kellhiex twassal għall-piena ta' tliet (3) xhur detenzjoni hekk kif kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali iżda kellha timponi piena ta' multa biss partikolarment in vista taċ-ċirkostanzi prevalenti aktar qabel spjegati.
>
> "L-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:
>
> "**'(z) meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma:**
>
> "**'Iżda, minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, l-azzjoni kriminali għal reat taħt dan il-paragrafu taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sitt xhur:**
>
> "**'Iżda wkoll meta l-ħati jkun reċidiv f'kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn.'"**
>
> "Huwa paċifiku li 's-sanzjoni, f'każ ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 338(z), għandha tkun dik kontemplata għar-reati ta' natura kontravenzjonali w għandha tiġi kalibrata skond il-gravita`, ripetizzjoni w ċirkostanzi oħra tal-każ minn waħda ta' piena ta' detenzjoni għal żmien ta' mhux iżjed minn xahrejn skond l-artikolu 7(2) u 12(1) tal-Kap. 9 (jew aktar f'każ ta' reat kontinwat) għall-inqas piena li hija dik ta' ċanfira u twiddiba (Art. 7(2) tal-Kap. 9).' – "Il-Pulizija vs Mark Bugeja", deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif ippreseduta mill-Onor.

Imħallef Dr. David Scicluna, fit-2 ta’ Diċembru 2005, Appell Nru:193/2005 li jirrigwardja wkoll każ dwar nuqqas ta’ ħlas ta’ manteniment.

“Fil-fehma tal-esponenti l-Onorabbli Qorti tal-Ewwel Istanza ma kellha qatt tapplika l-piena ta’ tliet (3) xhur detenzjoni għan-nuqqas ta’ ħlas ta’ manteniment relattiv, hekk kif kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, aktar u aktar meta l-ebda prova ma nġiebet quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Ewwel Istanza dwar il-fedina penali tiegħu.”

**6.** Dan l-appell huwa unikament dwar il-piena. Hu inkontestat illi l-manteniment għall-perijodu msemmi fiċ-ċitazzjoni għadu ma tħallasx. Fis-seduta ta’ l-4 ta’ Frar 2015, pero`, xehdet Maria Rosaria Camilleri li qalet li ma tridx tkompli tipproċedi. Irid jingħad ukoll illi bis-sentenza preċitata tal-Qorti ta’ l-Appell Ċivili Superjuri, ġie ordnat il-waqfien ta’ l-obbligu ta’ l-attur (l-appellant odjern) li jissomministra manteniment lill-konvenuta (il-kwerelanti Maria Rosaria Camilleri), evidentement b’effett mid-data ta’ dik is-sentenza. Fl-istess sentenza, pero`, intqal fil-konsiderazzjonijiet tagħha li l-konvenuta kienet bdiet taħdem *full-time* fit-3 ta’ Jannar 2007, u kien għalhekk illi dik il-Qorti ddeċidiet skond l-artikolu 54(9) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**7.** Issa, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Fiċ-ċirkostanzi, pero`, u partikolarment in vista ta’ dak li xehdet il-kwerelanti, din il-Qorti hi tal-fehma illi għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**6.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu għall-ħtija iżda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għall-piena ta’ tliet xhur (3) priġunerija u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sena millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------